Kunsill Reġjonali Ċentru

MINUTI

Laqgħa tar-Reġjun Numru 53

# IT-TIELET LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 53

Il-Ħamis 26 ta' Awwissu, 2021

Il-Kunsill Reġjonali Ċentru ltaqa' onlajn permezz tal-programm Microsoft Teams, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI ONLAJN:

Is-Sur Michael Fenech Adami – President
Is-Sur Clayton Luke Mula – Viċi Sindku San Ġiljan
Is-Sa Graziella Attard Previ – Viċi Sindku tas-Sliema
Is-Sur Maximillian Zammit – Sindku Ta' Xbiex
Is-Sa Joanne Debono Grech –Sindku Birkirkara
Is-Sur Anthony Mifsud Bonnici – Viċi Sindku San Ġwann
Is-Sinjura Margaret Baldacchino Cefai –Sindku l-Imsida
Is-Sur Anthony Dalli – Sindku Ħal Lija
Dott. Angelo Micallef - Sindku Ħal Balzan
Is-Sa. Yvonne Bartolo – Viċi Sindku Iklin

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Is-Sur Stefan Cordina – Sindku Ħ'Attard
Is-Sur Gianluca Falzon – Viċi Sindku Santa Venera

ASSENTI

Is-Sur Conrad Borg Manchè – Sindku Gżira
Is-Sur Keith Tanti –Sindku Pieta'

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Jeanette Galea – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, qal it-talba w ippresjeda l-laqgħa.

## 53.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

53.1.1 Il-President, is-Sur Michael Fenech Adami, informa lill-membri li dan ir-Reġjun kien irċieva ittra ta' apoloġija mingħand is-Sindku ta' Ħ'Attard, is-Sur Stefan Cordina, kif ukoll mingħand il-Viċi Sindku ta' Santa Venera, is-Sur Gianluca Falzon, sabiex jinfurmawna li ma setgħux jattendu għal din il-laqgħa.

53.1.2 Il-membri preżenti aċċettaw din l-apoloġija.

53.1.3 Il-President informa lill-membri preżenti kif għal din il-laqgħa huwa kien estenda l-istedina għall-laqgħa tal-llum lis-Sindki jew rappreżentanti mit-tliet Kunsilli Lokali li għandhom jingħaqdu mal-maġġoranza tal-lokalitajiet meta jidħol Reġjun Lvant fis-seħħ.

53.1.4 Is-Sur Fenech Adami spjega kif illum kienu preżenti magħna s-Sindku ta' Ħal Għargħur, is-Sa Helen Gauci, s-Sindku ta' Swieqi, is-Sur Noel Muscat, kif ukoll il-Viċi Sindku ta' Pembroke, is-Sur Omar Elaref Arab.

## 53.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

53.2.1 Il-Minuti tas-Seduta numru 52 li saret nhar il-Ħamis 22 ta' Lulju 2021 kienu meħuda bħala moqrija.

53.2.2 Il-minuti kienu approvati unanimament fuq proposta tal-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula, u sekondati mis-Sindku ta' Ħal Lija, is-Sur Anthony Dalli.

## 53.3 Komunikazzjoni mill-President

- *Laqgħa fuq Escooters*

53.3.1 Il-President informa lill-membri preżenti dwar il-laqgħa mar-rappreżentanti tal-*kick scooters* għandha tinżamm nhar it-Tnejn 6 ta' Settembru 2021, fis-6 ta' filgħaxija ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun.

53.3.2 Il-President talab lil membri sabiex jinfurmaw lis-Segretarju Eżekuttiv min ser ikun qed jattendi għal din il-laqgħa minħabba li l-kamra ta' l-uffiċċju mhux kbira ħafna.

## 53.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Membri

53.4.1 Il-President, is-Sur Fenech Adami, staqsa lill-membri preżenti jekk kienx hemm xi domandi li xtaqu jressqu.

53.4.2 Peress li ma kien hemm l-ebda domanda mressqa, il-President ipproċeda ma' l-aġenda.

## 53.5 Rapporti

53.5.1 Il-President informa lill-membri preżenti li għal din il-laqgħa kien qed jerġa jiġi ppreżentat l-*Financial Statements* wara l-aġġustamenti li kienu mitluba mill-awdituri.

53.5.2 Il-President informa lill-membri li l-Accountant tar-Reġjun, is-Sra. Perici Ferrante, skużat ruħha li ma setatx tkun preżenti għal din il-laqgħa minħabba li tinsab imsiefra. Madanakollu kif kien ġie spjegat

minna fl-aħħar laqgħa, il-bidla ewlenija fil-kontijiet verifikata kienet il-mod kif kienu qed jiġi trattati in-nefqa fi proġetti mal-Kunsilli Lokali.

53.5.3 Is-Sur Fenech Adami spjega kif fl-2020 ir-Reġjun ma pprovdiex l-iskemi kollha miftuħa, imma kienu ġew *accounted* it-talbiet kollha imressqa mill-Kunsilli Lokali sal-31 ta' Diċembru 2020.

53.5.4 Għal din ir-raġuni, kellu jsir aġġustament tas-sena ta' qabel għall-2019 għall-istess raġuni. Għalhekk fl-2021, il-Kunsill Reġjonali Ċentru għandu jagħti rendikont ta' skemi li kienu nħarġu fl-2019 u fl-2020, li għalihom isiru talbiet mill-kunsilli lokali.

53.5.5 Il-membri preżenti approvaw dan ir-rapport b'mod unanimu.

53.5.6 Il-President talab lill-membri biex jaqbeż l-item numru 53.6 minħabba li s-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, ma kienx għadu preżenti għal din il-laqgħa.

53.5.7 Fuq l-approvazzjoni tal-membri, il-President mexa għall-*item* numru 53.7 li kien hemm fuq l-aġenda.

## 53.7 Vann mixtri mill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara

53.7.1 Il-President informa lill-membri kif nhar il-Ħamis 12 ta' Awwissu 2021 dan ir-Reġjun irċieva r-rapport rigward ir-xiri ta' van mill-*Community Innovation Fund* li sar mill-Kunsil Lokali ta' Birkirkara. Dan ir-rapport ġie ppreparat mid-Direttur tal-Konformità mal-Finanzi u l-Akkwist, is-Sa Clare Bugeja wara li nżammu l-intervisti mas-Segretarju Eżekuttiv ta' Birkirkara, is-Segretarju tar-Reġjun kif ukoll mad-Direttur ta' l-istrategiji u implimentazzjoni ta' policies, is-Sa Marisa Pisani.

53.7.2 Skond il-konklużjonijiet u r-rakomandazzjonijiet, il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara għandu jirrifondi lura l-ammont ta' €19,942 lil dan ir-Reġjun minħabba li s-Segretarju Eżekuttiv ta' Birkirkara qabeż ir-regoli tar-regolamenti finanzjarji peress li ħallas għal prodott qabel ma dan ingħata lill-Kunsill Lokali.

53.7.3 Għal din ir-raġuni, is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sa Jeanette Galea, talbet direzzjoni mingħand is-Sra. Marisa Pisani dwar jekk il-ħlas mill-Kunsill Lokali għandux isir b'mod immedjat mill-Kunsill u jekk hux ser jingħataw ċans sabiex jinxtara van ieħor. Is-Sra Pisani nfurmatna l-bieraħ li din id-direzzjoni trid tingħatalna mid-Direttur is-Sa. Clare Bugeja.

53.7.4 Il-President qal li kemm hu kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, ma nistgħux nittolleraw id-diskors li ntqal mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill dwar din il-problema fil-laqgħa tal-Kunsill lokali ta' Birkirkara ta' Lulju 2021. F'din il-laqgha deher biċ-ċar li l-Kunsilliera ma kienux qed jiġu nfurmata b'liema mod qed jintnefqu l-fondi mill-iskemi. Fl-istess laqgħa ntqal ħafna informazzjoni li ma kinitx korretta. Fosthom hu semma li dan ir-Reġjun kien qed jiġri warajh sabiex jipprovdi d-dokumenti kollha fiż-żmien stipulat inkella l-fondi kienu ser jiġu mitlufa. Fl-ebda ħin ma nforma lil dan r-Reġjun dwar il-problema li kellu u qatt ma talab lebda estenzjoni tad-deadline. Apparti minn hekk, fl-ebda hin qabel Ġunju s-Segretarju ma qatt nforma lil Jeanette li l-vann minn Novembru 2020 ma kienx wasal. Kien id-dover tar-Reġjun li jara li d-Diviżjoni tkun infurmata dwar dan meta dawn il-fondi kienu fondi pubbliċi u responsabli minnhom ir-Reġjun.

53.7.5 *17:49pm – is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, wasal għal din il-laqgħa.*

53.7.6 Is-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa. Joanne Debono Grech, talbet kjarifika fuq meta ir-Reġjun talab direzzjoni mingħand is-Sra. Pisani imma ġejna nfurmati li għandna nieħdu direzzjoni mingħand id-Direttur Clare Bugeja u staqsiet jekk hi kienitx ikkupjata f'din il-korrispondenza.

53.7.7 Il-President ikkonferma dan u s-Segretarju Eżekuttiv għaddiet kopja ta' din il-korrispondenza lis-Sindku ta' Birkirkara u s-Sa Galea ikkonfermat li s-Sindku ta' Birkirkara dejjem kienet ikkupjata f'kull korrispondenza li kienet qed issir.

53.7.8 Il-President spjega kif hu flimkien mas-Segretarjiu Eżekuttiv segwew bir-reqqa l-laqgħat li kienu qed isiru mill-Kunsill Lokali ta' Birkirkara u f'dawn il-laqgħat deher biċ-ċar li s-Segretarju ta Birkirkara ma kienx

qed jinforma lill-Kunsilliera bl-informazzjoni korretta. Bed ajintqal ukoll kliem fil-konfront kemm tal-president kif ukoll tas-Segretarju Eżekuttiv tyar-Reġjun u ħass li dawn l-affarijiet għandhom jieqfuq darba u għal dejjem.

53.7.9 Il-President spjega kif sakemm ikun hu President mhu ser jittollera l-ebda Sindku jew segretarju ezekuttiv jisfuda l-Kunsill Lokali rispettiv.

53.7.10 Il-President kompla jispjea kif waqt laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara, hu kien qed jiġi akkużat li fl-assenza tal-preżenza tas-Sindku ta' Birkirkta, u li għaliha kien preżenti l-Viċi Sindku ta' Birkirkara, hu kien għamel laqgħa sħieħa iżeblaħ l-isem tal-Kunsill ta' Birkirkara.

53.7.11 Il-President qal li hu huwa responsabli mill-fondi li jinħarġu mir-Reġjun u għal din ir-raġuni gideb bħal ma diġa sar, mhu ser ikun qed jiġi ttollerat.

53.7.12 Il-każ ta Birkirkara ma kien qatt każ personali u minħabba dan il-każ, imma dan il-każ bilfors kellu jiġi mressaq jekk dan wara tmien xhur il-Kunsill baqa mingħajr vann u ser jibqa' mingħajr dan il-vann u l-Kunsilli Lokali kollha qed jiġu vverifikati peress li qed ikun hemm min hu irresponsabli

53.7.13 Is-Sur Fenech Adami żied jgħid li mhux aċċettabli li Sindku jħalli lis-Segretarju Eżekuttiv jgħid "issa għandi ċ-ċans ineħħi li għandi fuq l-istonku fuq ir-Reġjun u fuq il-President tar-Regjun". Dan id-diskors m'għandux jiġi ittollerat u fejn hemm bżonn li jittieħdu passi, hu ser jesiġi li jittieħdu l-passi neċessarji. Dan jinkludi wkoll kummenti li qed ikun hemm fuq Facebook.

53.7.14 *17:52pm – il-Viċi Sindku ta' tas-Sliema, is-Sa Graziella Attard Previ waslet għal din il-laqgħa.*

53.7.15 Is-Sur Fenech Adami żied jgħid ukoll kif hemm Kunsilliera li lanqas biss jafu dak li jkun qed jingħad waqt il-laqgħat tar-Reġjun saħansitra dwar l-ammonti li nħarġu permezz ta' skemi finanzjarji differenti.

## 53.6 Korsijiet provduta mill-Kunsill Reġjonali Ċentru

53.6.1 Peress li kien għadu kif wasal is-Sindku ta' Ta' Xbiex ftit mumenti qabel, il-President informa lill-membri li kien ser jiġi diskuss l-item numru 53.7 li kien hemm fuq l-aġenda.

53.6.2 B'referenza għal dan is-suġġett, il-President ressaq fuq il-mejda *draft* ta' din l-iskema li kienet intbagħtet flimkien ma' l-aġenda permezz ta' emejl sabiex kulħadd ikun jistà jilħaq jivverifika d-dettalji u jkun jistà jressaq il-kummenti tiegħu f'din l-laqgħa u b'hekk tiġi ffinalizzata u approvata.

53.6.3 Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, ġibed l-attenzjoni li l-ammont fl-aħħar ta' l-iskema kellu jkun ta' €5,000 u mhux €3,000 u li l-bqija ta' l-iskema kienet korretta.

53.6.5 Is-Segretarju Eżekuttiv ħadet nota ta' dan u kien hemm qbil bejn il-membri preżenti sabiex tintbagħat din il-verżjoni.

53.6.6 Il-President żied jgħid li din l-iskema flimkien ma' l-iskemi kollha għandhom jintnefqu sa mhux aktar tard minn din is-sena u kif għall-ebda raġuni mhu ser isiru pagamenti wara d-dati stabbiliti mir-Reġjun.

53.6.7 Il-President għamilha ċara li l-ebda kont m'għandu jiġi mħallas qabel ma l-kors ikun komplut. Hu spjega wkoll li qed ikun hemm Kunsilli Lokali fejn dak li jintqal waqt il-Kunsill ma jkunx miktub fil-minuti u dak li jkun hemm fil-minuti ma jkunx intqal waqt il-laqgħa. Fil-laqgħa ta' wara, dawn il-minuti xorta qed jiġu approvati.

53.6.8 Il-President fakkar li s-Sindki għandhom jaċċertaw li dawn l-affarijiet ma jsirux.

## 53.7 Uffiċini Ġodda għar-Reġjun Lvant

52.7.1 Il-President informa lill-membri kif ir-Reġjun hekk kif kienu nfurmati fil-laqgħa preċedenti, fuq parir tas-CEO tal-Lands Authourity, is-Sur Robert Vella, nżammet laqgħa mas-Sur Martin Saliba mill-Awtorità ta' l-Ippjanar nhar il-Ġimgħa 2 ta' Lulju 2021. Għal din il-laqgħa kienu preżenti wkoll s-Sindku ta' l-Iklin, Dott Dorian Sciberras kif ukoll is-Segretarju Eżekuttiv.

52.7.2 Waqt din il-laqgħa kien hemm qbil sabiex l-*green area* li kienet immarkata fuq il-pjanijiet lokali tiġi traferita għal fejn fil-preżent hemm il-bandli u l-knisja. Il-Kunsill ta' l-Iklin kien diġa għaddej bil-proċess sabiex din l-*area* tkun magħluqa għat-traffiku u tiġi *pedestrian area.*

52.7.3 Dott Sciberras spjega kif l-Perit tal-Kunsill ta' l-Iklin qed ilesti l-pjanti u kif ikunu ġew approvati fil-laqgħa tal-Kunsill ta' l-Iklin, tkun tistà terġa tinżamm laqgħa oħra mas-CEO ta' l-Awtorità ta' l-Artijiet.

52.7.4 Sadanittant l-uffiċju amminsitrattiv tar-Reġjun ser ikollu bżonn jgħamel tibdiliet sabiex dik li bħalissa hija l-*boardroom*, tiġi mibdula għal uffiċini biex takkomoda sitt uffiċċjali ġodda li għandhom jidħlu fix-xhur li ġejjin. Għal din ir-raġuni qed jinġabru kwotazzjonijiet ta' siġġijiet u mwejjed, kif ukoll ta' partions bejn kull mejda.

52.7.5 Il-ħsieb huwa li jsir xogħol neċessarju sabiex il-garaxx jiġi konvertit f'board room. Sadanittant il-laqgħat tar-Reġjun ser jibqgħu jinżammu f'din il-lukanda, l-Urban Valley Resort and Spa, San Gwann.

52.7.6 Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, irrimarka kemm hija prezz tajjeb bħala *venue* sabiex jinżammu l-laqgħat tar-Reġjun.

## 53.8 Items oħra ta' Xogħol ieħor tar-Reġjun li jkunu meħtieġa

- ***Żjara fis-sena 2022***

53.8.1 Il-President għamel Referenza qed issir għal komunikazzjoni li dan ir-Reġjun irċieva nhar it-Tnejn 26 ta' Lulju 2021 dwar żjarat fil-muniċipalitajiet ta' l-UE fejn l-Arts Council Malta qed tagħti l-opportunità sabiex 4 persuni minn kull Reġjun iżur l-muniċipalta Ewropea li ġiet magħżula mir-Reġjun u jaraw l-inizjattivi ta' avvenimenti kulturali. Kull delegazjoni ser ikollha l-ammont ta' €4,500. Fil-laqgħa numru 43 tar-Regjun (15 ta' Diċembru 2020) kienu espremew ix-xewqa tagħhom Anthony Dalli, Margaret Baldacchino Cefai, Trevor Fenech, Max Zammit, u Angelo Micallef. Din iż-żjara trid issir sa mhux aktar tard minn 31 ta' Lulju 2022. Applikazzjonijiet jgħalqu sal-31 ta' Mejju 2022. Din id-delegazzjoni trid tkun komposta mill-President u/jew s-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, u minn Sindku u/jew Segretarju Eżekuttiv fi ħdan ir-Reġjun. Dan ir-Reġjun kien għażel il-muniċipalita ta' Arre.

53.8.2 Il-President spjega li n-nominazzjoni mingħand is-Sur Trevor Fenech u Angelo Micallef iridu jitneħħew minħabba li l-Kunsilli Lokali mhux ħa jkunu parti mir-Reġjun Lvant minn Jannar li ġej u peress li dan l-avveniment ħa jinżamm f'Mejju 2022.

53.8.3 Il-President issuġġerixxa sabiex din il-korrispondenza terġa titressaq fil-laqgħa ta' Jannar 2022 meta jkun beda r-Reġjun Lvant.

53.8.4 Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, staqsa għalfejn id-deċiżjoni m'għandiex tittieħed waqt din il-laqgħa.

53.8.5 Tqajmet diskussjoni dwar dan is-suġġett bejn il-membri preżenti u s-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif għandu jkun kompost din id-delegazzjoni u li wieħed irid iżomm f'moħħu wkoll l-baġit provdut għall-ispejjeż.

53.8.6 Is-Sur Max Zammit talab jekk jistgħux jitilgħu żewġ Sindki minflok Sindku u Segretarju Eżekuttiv peress li ser ikun hemm is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun li ser tkun qed tirrappreżenta lis-Segretarji Eżekuttiv u b'hekk ikun hemm lok li jkun hemm żewġ lokalitajiet jirrappreżentaw lir-Reġjun.

53.8.7 Il-President talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jgħamel kjarifika dwar dan u nimxu minn hemm.

- *Skemi Finanzjarji*

53.8.8 Il-President ressaq fuq il-mejda korrispondenza mingħand id-Direttur Ġenerali, is-Sur Natalino Attard, infurmana li "mhemm xejn xi jżomm li l-Kunsill Reġjonali jieħu inizjattivi bħal dawn, biss il-commitment irid isir sa l-aħħar tal-2021." Għal din ir-raġuni, jkun ferm apprezzat jekk id-dokumenti mitluba għar-rimborz isir qabel il-laqgħa ta' Diċembru 2021 – sal-Ġimgħa 10 ta' Diċembru 2021

- *Kunsill Lokali Ħal Lija*

53.8.9 Il-President ressaq fuq il-mejda talba migħand dan il-Kunsill sabiex il-fondi taħt skema 10/2020 jintużaw sabiex issir zebra crossing fi Vjal it-Trasfigurazzjoni.

53.8.10 Din it-talba ġiet approvata b'mod unanimu mill-membri preżenti.

- *Kunsill Lokali tal-Pietà*

53.8.11 Il-President ressaq talba sabiex mill-fondi taħt skema 6/2020 li kellhom jintużaw fuq avveniment u li kellu jiġi mħassar minħabba l-miżuri tal-pandemija, minglok issir niċċa tal-Madonna tad-Duluri fiq Triq id-Duluri u tkun replica tal-istatwa La Pietà ta' Michelangelo. Tali niċċa ser tkun qed iżżid il-patrimonju kulturali fil-lokal filwaqt li tkabbar il-fibra soċjali ta' din l-area.

53.8.12 Il-President ġibed l-attenzjoni li din għandha tkun approvata diment li ma ttieħdux fondi oħra għal dan l-istess proġett.

53.8.13 Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet xi tkun id-deċiżjoni tar-Reġjun ġalardarba l-Kunsill ikun ibenifika ruħu minn ammont ta' fondi u jkun jixtieq iħallas id-differenza.

53.8.14 Il-President qal li l-iskemi finanzjarja m'għandhux ikunu utiliżżati b'dan il-mod.

- *Kunsill Lokali tal-Pietà*

53.8.15 Il-President ressaq fuq il-mejda talba mingħand dan il-Kunsill sabiex mill-fondi taħt skema 8/2020 jinxtraw numru ta' bins sabiex tpoġġew fil-premises, inkluż fil-ground tal-football ta' Tal-Pieta`. Din l-għaqda tilqa' fiha numru kbir ta' tfal u zghazagh li ta' kuljum jattendu ghat-tahrig taghhom f'dawn il-premises. Il-Kunsill deherlu li ghandu jghin lil din l-ghaqda b'dan in-numru ta' bins sabiex b'hekk il-Kunsill ikun qieghed jghin fiz-zamma tal-indafa ingenerali tal-lokalita`.

53.8.16 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu

- *Kunsill Lokali tal-Pieta*

52.8.17 Il-President ressaq din it-talba sabiex mill-fondi taħt skema 10/2020 jintużaw sabiex il-Kunsill Lokali Tal-Pieta` jixtri żewġ *belisha beacon lights* li fil-preżent huma fi stat ħażin fil-Pjazza San Luqa u peress li qed ikunu mitfijin, dawn huma ta' periklu għal min ikun irid jaqsam.

53.8.18 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu

- *Kunsill Lokali ta' Birkirkara*

53.8.19 Il-President ressaq fuq il-mejda talba sabiex mill-fondi taħt skema 8/2020 jintużaw l-ammont jiġi maqsum bejn 8 għadqiet sabiex isiru xogħolijiet – Football Club Academy; Scouts; Sant Helen Band Club; Boċċi Club; Socjeta Dun Filippu Borgia; Duke of Coughnuts Band Club; Tennis Club; Socjeta Muzikali Sant'Antnin

53.8.20 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu

- *Kunsill Lokali ta' l-Iklin*

53.8.21 Il-President ressaq tlab mingħand dan il-Kunsill Lokali sabiex mill-fondi tar-rimborż mill-LESA jiġu utiliżżati sabiex tikkollabora ma' l-għaqdiet tal-lokal billi jiġi mħallas l-ispejjeż tat-trasport u spejjeż oħra għall-istaġun 2021/2022. Ma' dan, il-Kunsill se jkun qed jutilizza wkoll parti minn dan il-fond għall-ispejjeż ta' kiri ta' armar għall-festi natalizji 2021.

53.8.22 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu

- *Kunsill Lokali ta' Ħal Balzan*

53.8.23 Il-President ressaq fuq il-mejda talba sabiex il-fondi minn skema 1/2020 sabiex jitħawlu fjuri fil-*playing field*; jinxtraw żewġ *planters* kbar biex jitpoġġew fil-pjazza; jarmaw dwal dekorattiv għal żmien il-Milied; issir bankina ġdida fi Triq Santa Marija li tiswa madwar €3,000.

53.8.24 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu

- *Kunsill Lokali ta' tas-Sliema*

53.8.25 Il-President ressaq talba sabiex il-fondi taħt skema numru 1/2020 sabiex isiru diversi xogħolijiet fil-lokalità; u sabiex minn skema numru 10/2020 ser jinxtraw *audio-books*.

53.8.26 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu

- *Plakki 3D Printing*

53.8.27 Il-President ressaq fuq il-mejda tliet kwotazzjonijiet sabiex jiġi pprintjati plakki bit-3D printing sabiex jingħataw lill-membri bħala turija ta' apprezzament tax-xogħol li sar matul din l-aħħar leġislatura li daqt waslet fi tmiema. L-orħos kwotazzjoni kienet dik mingħand FullCircle 3D.

53.8.29 Il-membri preżenti approvaw din il-kwotazzjoni b'mod unanimu.

- *Live Streaming fl-AGM*

53.8.30 Il-President spjega kif huwa ħass li l-laqgħa Annwal Ġenerali tar-Reġjun li ser tinżamm nhar is-Sibt 4 ta' Settembru 2021 għandha tkun *live streamed* fuq il-paġna uffiċċjali tal-Facebook tar-Reġjun.

53.8.31 Għal din ir-raġuni ġiet ppreżentata l-orħos kwotazzjoni mingħand s-Sa. Chircop għall-prezz ta' €472.00 u l-membri preżenti approvaw din il-kwotazzjoni b'mod unanimu.

- *Laqgħa Annwali Reġjonali 2021*

53.8.32 Il-President fakkar lill-membri preżenti dwar din il-laqgħa li ser tkun qed tinżamm nhar is-Sibt 4 ta' Settembru 2021 ġewwa l-Urban Valley Resort and Spa. Hu qal ukoll kif sfortunatament id-Direttur Ġenerali kif ukoll id-Diretturi l-oħra tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali mhux ser ikunu jistgħu jattendu. Madanakollu għandhom ikunu preżenti l-On. Jose Herrera, l-On. Karl Gouder, kif ukoll il-President ta' l-AKL, is-Sur Mario Fava. L-invit uffiċjali flimkien ma' l-aġenda intbagħat bil-posta nhar it-Tlieta li għadda.

- *Aġġornament dwar l-uffiċċju amministrattiv tar-Reġjun*

53.8.33 Il-Kunsill Lokali ta' l-iklin infurmana li l-ħsieb tal-proġett għal binja ġdida tar-Reġjun Lvant flimkien mat-Tribunal Lokali u l-uffiċċju tal-Kunsill ta' l-Iklin ġiet milquha tajjeb mill-Kunsilliera tal-Kunsill Lokali ta' l-Iklin.

- *Proposta - 'Art for All'*

53.8.34 Il-President ressaq proposta li kienet waslet għand ir-Reġjun sabiex jingħata kors ta' arti lil tfal żgħar li jikkonsisti f'tletin sessjoni. Dan il-proġett qed jinvesti fil-ħiliet kreattivi tat-tfal. Malli dawn is-sessjonijiet ikunu lesti, għandha tittella eżebizzjoni tax-xogħol tagħhom. Għal din ir-raġuni, kull lokalità għandha ssib persuna waħda sabiex tkun tistà tipparteċipa.

53.8.35 Il-President żied jgħid kif dawn is-sessjoniiet ser isiru mis-Sur Philip Taliana, is-Sa Sara Ciantar, is-Sa Maria Galea, u s-Sur Ryan Galea. L-ispiża ta' dan il-proġett tammonta għal €5,500 li tikkonsisti fil-provvista (€500); immaniġjar tal-proġett (€1,250); Tagħlim u Segwitu (€2,250); Fotografija u Vidjografija waqt is-Sessjonijiet (€500); u Wirja tax-xogħol (€1,000).

53.8.36 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

- *Proġett - Nuding Active Travel*

53.8.37 Il-President informa lill-membri preżenti kif dan ir-Reġjun ġie infurmat minn Profs Maria Attard li ser tkun qed tiġi organizzata l-ewwel *workshop* nhar l-Erbgħa 22 ta' Settembru 2021. Madanakollu qed niġu mitluba sabiex nipprovdu post fejn tkun tistà tinżamm dan il-workshop – idealment f'waħda mill-lokalitajiet peress tinvolvi mixja fil-viċinanza. Dan il-*workshop* ser ikun promoted mill-Ministeru għall-Enerġija, Intrapriża u Żvilupp Sostenibbli.

53.8.38 Il-President issuġġerixxa sabiex ir-Reġjun jofri li jinżamm fl-Urban Valley Resort, San Ġwann minħabba li huwa post fiċ-ċentru u li jmiss mal-Gżira, Sliema, San Ġwann u viċin ta' l-Univeristà.

53.8.39 Il-membri preżenti approvaw din it-talba kif ukoll is-suġġeriment tal-President b'mod unanimu.

- *Talba mis-Sa Antonella Baldacchino*

53.8.40 Il-President ressaq talba mingħand waħda mill-impjegati, is-Sinjorina Antonella Baldacchino, sabiex takkumula 48 siegħa mill-leave ta vakanza mis-sena 2021 għas-sena d-dieħla minħabba li ser tkun qed tiżżewweġ.

53.8.41 Il-membri preżenti approvaw din it-talba b'mod unanimu.

## 53.9 Vakanza Għal Deputat Reġistratur fit-Tribunal Lokali tar-Reġjun – Skala 13 (Full Time)

53.9.1 Il-President informa lill-membri preżenti kif fl-aħħar sejħa kienu applikaw żewġ persuni biss. Meta ġew mitluba jippreżentaw iċ-ċertifikati ta' l-O Levels u l-A Levels, wieħed mill-applikanti ma bagħat xejn u applikant ieħor infurmana li ma kienx interessat aktar f'din is-sejħa.

53.9.2 Is-Sur Fenech Adami spjega kif għal din ir-raġuni, is-Segretarju Eżekuttiv reġgħet ħarġet din is-sejħa u l-avviż ġie ippublikat nhar il-Ġimgħa 20 ta' Awwissu 2021 u din is-sejħa tagħlaq nhar il-Ġimgħa 3 ta' Settembru 2021.

53.9.3 Is-Sur Fenech Adami qal li jekk ikun hemm applikazzjonijiet validi, dawn l-intervisti għandhom jinżammu b'mod immedjat mill-bord li kien diġa kompost f'laqgħat preċedenti u aġġornament dwar dan ser jingħata fil-laqgħa tal-Kunsill Reġjonali li jmiss.

## 53.10 Ingaġġar ta' Uffiċjali mal-Kunsilli Reġjonali

53.10.1 Il-President informa lill-membri preżenti kif nhar il-Ħamis 5 ta' Awwissu 2021, il-bord kompost mill-President, mis-Sur Conrad Borg Manche, mis-Sur Anthony Chircop fil-preżenza tas-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun, iltaqgħu l-uffiċċju amministrattiva sabiex jinżammu l-intervisti għal vakanza ta' Uffiċjal tal-Kultura u għal Uffiċjal tal-Proġetti.

53.10.2 Is-Sur Fenech Adami spjega kif għal pożizzjoni ta' Uffiċjal Kulturali nżammu erbgħa intervisti u l-bord reġà ltaqà nhar il-Ġimgħa 20 ta' Awwissu 2021 biex jieħu deċiżjoni.

53.10.3 Is-Sur Fenech Adami spjega kif ma kinitx deċiżjoni faċli peress li l-applikanti kollha kienu tajbin f'oqsma differenti. Madanakollu, il-bord iddeċieda li l-persuna magħżula kienet is-Sa Nikky Demajo Albanese.

53.10.4 Is-Sur Fenech Adami żied jgħid li ġaladarba din l-applikanta taċċetta l-impjieg, hi ser tkun qed tibda l-ħidma tagħha minn nhar l-Erbgħa 1 ta' Settembru 2021.

52.10.5 Il-President informa lill-membri li l-unika applikant li kellu jiġi ntervistat għal vakanza ta' Uffiċjal tal-proġetti ma kienx jistà jattendi għall-intervista minħabba li kien imsiefer pero l-intervista tiegħu nżammet nhar il-Ġimgħa 20 ta' Awwissu 2021.

53.10.6 Il-bord qabel li dan l-applikant kien adekwat għal pożizzjoni u kien ser ikun infurmat dwar dan ukoll.

53.10.7 Il-membri preżenti approvaw id-deċiżjonijiet meħuda mill-bord b'mod unanimu u għal din ir-raġuni l-applikanti kollha ser ikunu infurmati b'dawn id-deċiżjonijiet bil-miktub mingħand is-Segretarju Eżekuttiv fil-ġranet li ġejjin.

53.10.8 Il-President informa lill-membri wkoll dwar it-tieni sejħa li nħarġet mid-Dipartiment nhar it-Tlieta 24 ta' Awwissu 2021 u ħeġġeġ lill-membri sabiex jgħamlu *share* tal-*post* li kienet ippublikata fuq il-paġna uffiċjali tal-Facebook tar-Reġjun.

53.10.9 Is-Sindku ta' Ta' Xbiex, is-Sur Max Zammit, qal li hemm anomalija fejn hu ġibed l-attenzjoni li dawn qed jitolbu MQF level 6 u għas-Segretarju Eżekuttiv hija fuq MQF Level 5.

53.10.10 Kien hemm diskussjoni qasira dwar dan bejn il-membri preżenti.

## 53.11 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

53.11.1 Il-Viċi Sindku ta' San Ġiljan, is-Sur Clayton Luke Mula, sekondat mis-Sindku ta' Birkirkara, is-Sa. Joanne Debono Grech, ressaq mozzjoni sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet tal-pagamenti mniżżla fl-iskeda tal-pagamenti Numru 48A u 48B.

53.11.2 Il-mozzjoni għaddiet *nem.com.*

## 53.12 Mozzjonijiet

53.12.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ma kien hemm l-ebda mozzjoni x'tiġi diskussa f'din il-laqgħa.

## 53.13 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

53.13.1 Il-laqgħa intemmet fit-18:46 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Ħamis 30 ta' Settembru, 2021 u fil-5:30pm.

Konfermati, illum il-Ħamis 30 ta' Settembru, 2021.

IFFIRMATA

Michael Fenech Adami
President

IFFIRMATA

Jeanette Galea
Segretarju Eżekuttiv